


# Sħab fuq il-Mosta

*Christian Attard*

Il-Ġimgħa l-Kbira tal-1936 kienet waħda kerha għal Malta. Għal darb'oħra l-pesta kienet sabet triqitha lejn dawn il-gżejjer u għal darb'ohra rnexxielha tnissel biża' tal-ġenn fost il-poplu. Marda li tkexkxek anke jekk biss tlissen isimha, missierijietna kienu jagħmlu minn kollox biex jiskansaw lilhom nfushom u 'l ta' madwarhom minnha. U kellhom mitt elf ragun! Għax il-kalvarju tal-waħx li l-imsejken impestat kien jgħaddi minnu ma kont tkun tixtieqtu fuq ħadd. Il-marid kien jinħakem minn deni qawwi, rasu kienet tkun trid tinqasam b'uġigħ ma jaqtà xejn, lejn in-naħa t'isfel taż-żaqq il-ġilda kienet issir sensittiva ħafna u l-glandoli kienu jintefħu qishom blalen. F'dillirju ta' uġiegħ l-imsejkin marid kien jgħaddi minn agunija sħiħa li ġieli ttul ġranet. Maħsul għaraq, ħafna drabi waħdu, jgħajjat waħda fis-sema u l-oħra fl-art, l-impestat kien jitlob lill-qaddisin u, f'mumenti qosra meta l-marda kienet tidher li qisha qed terħi xi ftit, kien anke jittenta jittama li t-talb wasal fejn kellu jasal. Sakemm kollox jerġà jibda mill-ġdid. Hekk is-saħħa tal-marid kienet titnaqqar u tispiċċa. Marsus fl-għafsa qerrieda tal-marda, l-unika tama li kien jibqagħlu kienet il-mewt.



Din l-imxija tal-pesta kienet qisha tiġi mix-xejn. Tinżel qisha xi flaġell Divin li dwaru naqraw fit-Testment il-Qadim, tħalli ħerba, u meta sodisfatta, tisgiċċa 'l hemm. Filli kollox sew, filli f'daqqa waħda, bla ebda avviż jew spjegazzjoni, wieħed wieħed, waħda waħda, tara nies ibigħu s-saħħa jimbarmu fi ftit ġranet u jħallu d-dinja f'agunija sħiħa.

Min imiss issa? Kienu jistaqsu n-nies. X'nistà nagħmel biex ngħaddiha b'wiċċ il-ġid? Min huma l-aqwa qaddisin protetturi li lilhom l-aħjar nitlob, ngħid ġakulatorji u nixgħel xemgħat? Santu Rokku jew San Bastjan? Santa Rożalija jew San Mikiel Arkanġlu? Jew aħjar immur f'ras il-għajn u nitlob lil Madonna? U minn fejn ġej dan kollu? Tgħid għax qed ngħixu ħajja xxellerata? Insejna 'l Alla? Tgħid jekk nirranġa ma' ħija, naħfirlu daqs li kieku qatt ma kien xejn, neħlisha? Tgħid m'hawnx xi għeruq jew weraq ta' xi pjanta, il-bukoxrom, niġem jew fidloqqom, li jekk ngħalliha, nixrobha jew imbaħħar id-dar biha, nista forsi nipproteġi lili nnifsi u lill-familja? Tgħid ngħidilhom li l-mara tidher marida sew, jew aħjar nagħlaq ħalqi għax inkella jissekwestrawli d-dar u jibgħatuna lkoll f'dak l-ispeċi ta' sptar fuq il-gżira tal-Isqof jew ta' Manoel?

F'konfużjoni ta' twemmin, superstizzjoni, biza' u xjenza, missirijietna fittxew tama u fejqan minn dan kollu. U ma nistgħux nidħku bihom. Għax aħna wkoll, li suppost ngħixu f'dinja ħafna aktar razzjonali u mgħarfa minn dik ta' snin ilu, ninħakmu minn ansjeta' qawwija kull meta nisimgħu b'xi marda kontaġġjuża. Min ma jiftakarx l-*Ebola*, il-*Hanta*, il-*West Nile*, il-*Mad Cow*, l-*Avian Flu*, u l-aktar riċenti, s-*Swine Flu*? U hekk, bl-għerf kollu li suppost għandna, u b'mezzi ta' komunikazzjoni



li missierijietna lanqas kienu joħolmuhom, xorta nintilfu f'ħafna spekulazzjoni u taħwid.

Sal-1936 ix-xjenza kienet għamlet passi ta' ġgant f'dan il-qasam. Wara sekli sħaħ ta' misteru, lejn qlib is-seklu l-kawża tal-imxija tal-marda fl-aħħar ġiet studjata u skoperta. Kellu jkun Alexandre Yersin, tabib żagħżugħ Svizzeru, li nduna li l-problema kollha kienet ġejja minn mikrobu, li hu laqqam *Pasteurella Pestis* (illum magħrufa bħala *Yersinia Pestis*), li għallkemm normalment imarrad lill-ġrieden, il-briegħed malajr iġorr u jferrex għal fuq in-nies. F'Malta, Sir Temi Zammit flimkien mal-Maġġur W. Broughton Alcock kienu ħejjew studju sħiħ dwar l-ispeċi ta' ġrieden li jinsabu fuq dawn il-gżejjer u l-konnessjoni tagħhom mal-pesta. U hekk ħafna teoriji strambi dwar il-pesta li kienu ilhom ġejjien minn żmien żemżem sfaxxaw fix-xejn. Jew hekk kellu jkun. Għax mhux faċli li teqred sekli sħaħ ta' superstizzjonijiet u tradizzjonijiet. Il-poplu, anke f'dawn iż-żminijiet riċenti tat-tletinijiet, xejn ma kien konvint kemm it-tagħlim u x-xjenza qatt setgħu ikunu effikaċi kontra l-qilla tal-pesta. U meta bdew imutu n-nies, il-paniku aktar beda jiżdied.

Kif wieħed jistà jimmaġina, ideat dwar din il-marda kienu bosta. Minn żmien Hippocrates 'l hawn, per eżempju, ħafna kienu tal-fehma li l-pesta kienet kollha tort ta' arja ħażina jew korrotta li tikkawża u tferrex din il-marda. Din is-sħaba ta' mard li setgħet tiġi minn diversi fatturi, bħal terremoti, taqlib fis-smewwiet, jew iġsma li ma ġewx midfunin sew, wieħed seta' jiġġildilha bi fwejjaħ apposta, jew aħjar, billi jitqabbdu ħġejjeġ kbar f'nofs ibliet u rħula bil-għan li jippurifikaw l-arja.

Fl-1936, il-marda bdiet ġewwa Ħal-Qormi, iżda fit-tlettax-il xahar li damet hawn, imxiet minn familja għal oħra, minn raħal għal ieħor, sakemm laħqet proporzjonijiet epidemiċi. Forsi ma kienetx waħda mill-kefrin nett, ġielu waslu epidemiji ħafna agħar, iżda xorta kellha l-ħila tnissel ħafna biża' fost il-poplu. Minn Ħal Qormi għal Ħaż-Żebbuġ, mir-Rabat għall-Imtaħleb, minn Ħ'Attard sal-Mosta, u fl-aħħar saħansitra Għawdex, il-marda, inkiss inkiss, għamlet ir-ronda qattiela tagħha. Madwar tletin ruħ ġew infettati. Mietu tnax, wieħed minnhom Mosti.

Kuntrarju għas-sitwazzjonijiet li nħolqu meta l-marda żaret 'l dawn il-gżejjer fis-sekli ta' qabel, issa, li l-kaġun ta' din il-marda kien mifhum, id-Dipartimet tas-Saħħa seta jieħu miżuri ħafna aktar sensati. Flok infużjonijet ta' ħxejjex u dlik biż-żjut, in-nies kienu mħeġġin li jżommu l-indafa u javżaw lil-awtoritajiet meta jindunaw li xi membru mill-familja jidher xi ftit magħdur. Ovvjament, sar attakk sħiħ kontra l-ġrieden. Minn April sa Diċembru ta' dik is-sena tħejjiet lixka vvelenata u mijiet ta' nasses bil-għan li jinqerdu eluf ta' ġrieden. Mezz ieħor modern kien il-*Wireless Radio* tal-Gvern, fejn il-Professur A.V Bernard, direttur tas-Saħħa Pubblika, kien jaġġorna 'lin-nies dwar dak kollu li kien qed iseħħ u x'prekawzjonijiet wieħed seta' jieħu. Dawn ix-xandiriet edukattivi kienu jiġu mħabbrin minn ġranet qabel fuq il-gazzetti.

Imma meta n-nies bdiet tara li l-miżuri tal-Gvern qajla kienu qed ikunu effettivi, bdiet, bla ma trid, tirrikorri għall-użanzi tal-qedem. Għall-festa ta' Santu Rokku ta' dik is-sena, fis-sittax t'Awwissu, in-nies marret bi ħġara lejn il-Belt, titlob bi ħrara kbira 'l dan il-Qaddis li mhux darba jew tnejn kien skansa popli sħaħ minn epidemiji ħafna eqqel minn din.

Il-Mostin, li kemm-il darba kienu spiċċaw vittma ta' din l-imxija qattiela, ukoll dawru ħarsithom lejn dan il-qaddis. Min jaf kemm nies żaru l-kappella hekk magħrufa bħala ta' Santu Rokku ġewwa r-Rotunda u bi ħġarhom talbu 'l dan il-qaddis! Hekk seta jkollhom moħħhom aktar mistrieħ, għax fil-kwadru prinċipali tal-kappella mhux talli hemm mpitter Santu Rokku, iżda miegħu jassistuh hemm wkoll San Bastjan u Santa Rożalija. Tliet qaddisin kbar magħrufin kemm f'Malta, u kemm ma l-Ewropa kollha, għall-ħila li jwaqqfu t-tixrid ta' mard infettiv. Dan il-kwadru kien sar lejn l-aħħar tas-sebgħinjiet tas-seklu sbatax fi żmien il-Gran Mastru Cotoner, ftit wara li Malta kienet għada kif għaddiet minn waħda mill-agħar epidemiji tal-pesta. Probabbli kien sar bħala *ex-voto*, ringrazzjament ta' xi wegħda maqlugħha wara li għaddiet il-pesta. Lejn in-naħa t'isfel tal-kwadru hemm miktub l-isem ta' dak li ħallas għalih – *Don Joannes Maria Galia Capellanus Ecclesia Beata Maria Virginis Mellecha.* L-artist kien Stefano Erardi, artist bravu Malti.

Mis-seklu ħmistax 'l hawn, il-kult ta' Santu Rokku ħaddan rabta sħiħa mal-pesta. Inkitbu stejjer dwar ħajtu, uħud minnhom xi ftit fantastiċi, iżda li kollha komplew isaħħu l-importanza tiegħu bħala qaddis protettur. Dan Rokku, skond l-eqdem dokument li għandna, twieled Montpellier minn ġenituri li, bħal dawk ta' San Gwann Battista, kienu xjuħ mhux ħażin. Dawn filfatt mietu fit-tfulija ta' Rokku. Mal-mewt tal-ġenituri Rokku telaq fuq pelligrinaġġ lejn Ruma li matulu ħeles bliet sħaħ, bħal Acquapendente, Cesena, Ruma, Rimini u Novara, milqutin mill-pesta. Għallhekk Santu Rokku kemm-il darba jiġi







mpitter bil-bastun u l-arzella tal-pellegrini. Il-ħidma sfieqa tiegħu ma nies infettati fl-aħħar wasslet biex ġewwa Piacenza jimrad hu wkoll. Irtira ġewwa wied ftit lil hinn minn din il-Belt u mn'alla kien kelb ċkejken li kuljum, sakemm Rokku mirakolożament fieq, kien iġiblu loqma ħobż biex jitrejjaq. Fix-xbiehat ta' dan il-qaddis, anke dik Mostija ta' Erardi, dejjem għallhekk naraw kelb b'xi biċċa ħobż ġo ħalqu, filwaqt li Rokku, b'mod diskret, jikxef waħda minn nefħiet li għandu lejn in-naħa ta' fuq ta' koxxtu, sinjal ċar li kien laqqat il-pesta.

Il-konnessjoni bejn San Bastjan u l-pesta hi anqas ċara. Bastjan, għallinqas skond l-istejjer antiki li waslulna bħal *Passio Sancti Sebastiani*, lejn tmiem it-tielet seklu kien imlaħħaq sewwa fl-armata Pretorjana ta' l-Imperaturi Maximian u Diocletianus. Żamm il-fidi Kristjana tiegħu mistura, biex hekk jgħin kemm jiflaħ lill-Kristjani li jkun persegwitati. Kollox kien miexi ħarir sakemm xi ħadd induna bit-twemmin tiegħu. Ġie ssentenzjat għall-mewt. Ġo nofs għalqa, l-arċiera Imperjali sparaw vleġġeġ għal fuqu sakemm spiċċa, skond ir-rakkont tal-*Passio*, qisu qanfud. B'għaġeb kbir ma mietx. U hekk jiġi mpitter. Marbut, ħaj, u mimli vleġġeġ. Irene (il-mara ta' Castulus, uffiċjal imlaħħaq) u s-sefturi tagħha dewwewh u ħadu ħsiebu sakemm irpilja. Iżda Bastjan ma waqafx hemm. Issa aktar beda joħodha qatta bla ħabel kontra l-Imperatur, sakemm dan reġà ikkundannah għall-mewt, did-darba mħaġġar u mormi fid-drenaġġ ta' Ruma. Imkien fl-istorja ma tidħol il-pesta, u ħadd ma jaf eżatt għalfejn San Bastjan sar wieħed mill-aktar qaddisin mfittxijin waqt epidemiji. Hemm minn jgħid li kienu l-istess vleġġeġ li bihom ġie martorjat li wasslu għal dan kollu. Minn żmien il-qedem il-pesta dejjem kienet b'xi mod assoċjata ma' vleġġeġ li allat irrabbjati jisparaw fuq l-umanita'. Hemm oħrajn li jsostnu li matul il-pesta tas-680, ġewwa Ruma u Pavia, l-imxija waqfet biss meta artal f'ġieħ dan il-qaddis twaqqaf fil-knisja Rumana ta' San Pietru fil-ktajjen.

Santa Rożalija, is-*Santuzza* minn Sqallija, li f'ġieħha l-Palermitani jagħmlu purċissjoni grandjuża fil-ħmistax ta' Lulju, hija qaddisa oħra b'kult popolari, imma li, għal darb'oħra, il-konnessjoni tagħha mal-pesta hi waħda stramba. Rożalija, tfajla nobbli tas-seklu tnax, iddeċidiet li tinsa ħajjitha u tmur tgħix bħala eremita ġewwa għar fuq Monte Pellegrino. Hemmhekk għexet ħajja ta' ħafna talb u sagrifiċċju sakemm mietet. Il-kult lejha ftit li xejn kien magħruf sakemm Palermo, fl-1624, intlaqtet minn waħda mill-agħar epidemiji. B'kumbinazzjoni, f'dan l-istess żmien, kaċċatur sab il-fdalijiet tagħha wara li ġie mnebbaħ waqt ħolma. Matul l-istess ħolma ġie mgħarraf li jekk jieħu dawn il-fdalijiet f'nofs il-belt l-imxija tal-pesta kellha tieqaf ħesrem. U hekk ġara. Ftit tax-xhur wara dawn il-fdalijiet ġew dikjarati ġenwini u Santa Rozalija bdiet tiġi meqjuma bħala qaddisa protettriċi u patruna ta' Palermo.



Matul ix-xhur li Palermo kienet maħkuma mill-pesta kien hemm jgħix hemmhekk Anthony Van Dyck, artist żagħżugħ min-Nord tal-Ewropa. Kien hu li malajr malajr ħoloq l-ikonografija ta' din il-qaddisa; żagħżugħa, bjonda, b'kuruna ffjurita u liebsa tonka Franġiskana. Bis-saħħa tal-*prints* din ix-xbieha malajr tferrxet mal-Ewropa kollha. Stefano Erardi żgur li kellu xi *print* minn dawn. U hekk seta' jpitter 'l din il-qaddisa li, sa dawk iż-żminijiet, ftit li xejn kienet magħrufa hawn Malta.

Fil-kwadru Mosti dawn it-tliet qaddisin qegħdin hemm, għax għallkemm għexu fi żminijiet u f'postijiet differenti, jiltaqgħu mirakolożament kemm-il darba fl-arti; Santu Rokku fin-nofs, San Bastjan fuq naħa u Santa Rożalija fuq l-oħra. Jittajru fuqhom hemm ġgajta zgħira ta' anġli ċkejknin iżommu f'idejhom kuruni tar-rand u bukkett ġilju, simboli tal-martirju u tal-purita'. Dawl mill-għoli jofroq is-sema tqila. Joffri raġġ ta' tama f'dawk id-dlamijiet ta' sħab tqil u maħmuġ li, f'moħħ l-artist u f'moħħ in-nies ta' żmienu, kien dak li jwassal għal dan il-għawg kollu.


**Għal aktar tagħrif fittex dawn il-kotba ;**

Gauvin Alexander Bailey, Pamela M. Jones, Franco Marmondo, Thomas W. Worcester, *Hope and Healing. Painting in Italy in a Time of Plague, 1500-1800*, Clark University College of the Holy Cross and the Worcester Art Museum, 2005

George Cassar, Joseph G.M. Borg, *Il-Mosta, il-Mostin u-Rotunda Tagħhom matul iż-Żminijiet*, Malta 2007

Cassar, Paul. *Medical History of Malta*, London 1965

Guido Lanfranco, *Mediċina Popolari ta' l-Imogħoddi fil-Gżejjer Maltin*, Klabb Kotba Maltin 2001

Giovanni Sammut, *Rimedi Pratici Contro la Pesta*, 10 ta' Diċembru, 1936

Charles Savona-Ventura, *Knight Hospitaller Medicine in Malta (1530-1798)*, PEG Ltd. 2004

Charles Savona-Ventura, *Il-Mediċina fil-Gżejjer Maltin*, Malta 1999

Louis J. Scerri (ed.), *Mosta, the Heart of Malta*, Malta 1996

Keith Sciberras, *Baroque Painting in Malta*, Midsea Books 2009

Bernardine Scicluna, *A Stylistic Analysis of Stefano and Alessio Erardi's Paintings*, Universita' ta' Malta (teżi) 1997

Malta Government Gazette, 3 ta' Awissu, 1937



